

Brussell, 14 ta' Settembru 2026
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2026/0217(NLE)

11750/26
ADD 1

AELE 64
FL 32
ISL 42
N 68
MI 765
ENER 509

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: Abbozz tad-DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE li temenda l-Anness IV (Enerġija) tal-Ftehim ŻEE

ABBOZZ

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru .../...

ta' ...

li temenda l-Anness IV (Enerġija) tal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (“il-Ftehim ŻEE”), u b’mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/703¹ jenħtieġ li jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (2) Skont id-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 93/2017², l-Iżlanda għandha deroga mir-Regolament (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³, li hija l-bażi legali għar-Regolament (UE) 2015/703. Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2015/703 ma japplikax għall-Iżlanda.
- (3) L-Artikolu 1(3) tar-Regolament (UE) 2015/703 jipprovdi li dak ir-Regolament ma għandux japplika għall-punti ta' interkonnessjoni bejn l-Istati Membri sakemm Stat Membru minnhom ikollu deroga abbażi tal-Artikolu 49 tad-Direttiva 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴. F'konformità mad-Direttiva 2009/73/KE, kif inkorporata fil-Ftehim ŻEE bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 93/2017, tali deroga għandha tapplika għal-Liechtenstein. Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2015/703 ma japplikax għal-Liechtenstein.

¹ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/703 tat-30 ta' April 2015 li jistabbilixxi Kodiċi tan-Netwerk għar-Regoli dwar l-Interoperabbiltà u l-Iskambju ta' Dejta (ĠU L 113, 1.5.2015, p. 13, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2015/703/oj>).

² Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 93/2017 tal-5 ta' Mejju 2017 li temenda l-Anness IV (l-Enerġija) tal-Ftehim ŻEE [2019/205] (ĠU L 36, 7.2.2019, p. 44, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2019/205/oj>).

³ Ir-Regolament (KE) 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 13 ta' Lulju 2009 dwar il-kondizzjonijiet għall-aċċess għan-networks ta' trażmissjoni tal-gass naturali u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1775/2005 (ĠU L 211, 14.8.2009, p. 36, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2009/715/oj>).

⁴ Id-Direttiva 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali u li tħassar id-Direttiva 2003/55/KE (OJ L 211, 14.8.2009, p. 94, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2009/73/oj>).

- (4) Ma hemm l-ebda network ta' trażmissjoni tal-gass fin-Norveġja soġġett għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 715/2009. Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2015/703 jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE u traspost fil-liġi nazzjonali, iżda jenħtieġ li l-applikazzjoni tiegħu tiġi sospiża sakemm jiġi stabbilit network operazzjonali ta' trażmissjoni tal-gass fin-Norveġja. Meta jiġi stabbilit network operazzjonali ta' trażmissjoni tal-gass, jenħtieġ li n-Norveġja tinnotifika lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA b'dan.
- (5) Peress li r-Regolament (UE) 2015/703 ġie adottat abbażi tar-Regolament (KE) Nru 715/2009, it-testi tal-adattament elaborati u adottati skont id-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 93/2017, li jinkorporaw ir-Regolament (KE) Nru 715/2009 fil-Ftehim ŻEE, huma rilevanti għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2015/703.
- (6) Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness IV tal-Ftehim ŻEE jiġi emendat kif xieraq,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-punt li ġej jiddaħħal wara l-punt 54 (ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 312/2014) tal-Anness IV tal-Ftehim ŻEE:

“55. **32015 R 0703**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/703 tat-30 ta' April 2015 li jistabbilixxi Kodiċi tan-Network għar-Regoli dwar l-Interoperabbiltà u l-Iskambju ta' Data (ĠU L 113, 1.5.2015, p. 13).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom jinqraw bl-adattament li ġej:

In-Norveġja tista' tissospendi l-implimentazzjoni tar-Regolament sakemm jibda jopera network ta' trażmissjoni tal-gass fit-territorju tagħha. In-Norveġja għandha tinnotifika lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA meta jiġi stabbilit network tal-gass.

Ir-Regolament ma għandux japplika għall-Iżlanda jew il-Liechtenstein.”.

Artikolu 2

It-test tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/703 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment dwar iż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fi ..., bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE*.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Is-Segretarji

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

* [Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.] [Huma indikati rekwiżiti kostituzzjonali.]